

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Speċjalizzati Nazzjonali](#) > [France](#)

Qrati speċjalizzati nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Franza

Franza



F'din it-taqsimha ssib ħarsa ġenerali lejha il-qrati kostituzzjonali u amministrattivi fi Franza.

Il-Kunsill Kostituzzjonali.

Il-Kunsill Kostituzzjonali (*Conseil constitutionnel*), maħluq mill-Kostituzzjoni tal-Ħames Repubblika fl-4 ta' Ottubru 1958, mhuwiex fuq nett ta' xi ġerarkija ta' qrati ordinarji jew amministrattivi. Mhuwiex għalhekk Qorti Suprema.

Il-Kunsill Kostituzzjonali huwa magħmul minn disa' membri u li terz minnhom jiġu sostitwiti kull tliet snin. Il-membri jinħatru għal mandat ta' disa' snin li ma jiġgeddix, tlieta minnhom mill-President tar-Repubblika u tlieta kull wieħed rispettivament mill-Presidenti ta' kull Kamra tal-Parlament (is-Senat u l-Assemblea Nazzjonali). L-eks Presidenti tar-Repubblika jpoġġu *ex officio* bħala membri matul ħajjithom tal-Kunsill Kostituzzjonali, sakemm ma jkunux qed iwettqu funzjonijiet li huma inkompatibbli mal-mandat ta' membru tal-Kunsill, f'liema każ ma jistgħux jieħdu sehem.

Il-President tal-Kunsill Kostituzzjonali jinħatar mill-President tar-Repubblika minn fost il-membri tiegħu.

Ma hemm l-ebda rekwiżit ta' età jew professjoni biex persuna ssir membru tal-Kunsill Kostituzzjonali. Ir-rwol tal-membri (*Conseiller*) huwa madankollu inkompatibbli ma' li persuna tkun membru tal-Gvern jew tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali, kif ukoll ma' kull kariga eletta. Il-membri huma wkoll soġġetti għall-istess inkompatibilitajiet professjonali bħall-membri tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat.

Il-Kunsill Kostituzzjonali huwa korp permanenti, li jiltaqa' ftit jew wisq ta' spiss skont il-pass tal-punti li jiġi quddiemu. Huwa jiltaqa' u jieħu deċiżjonijiet biss f'seduti plenarji. Id-deliberazzjonijiet huma soġġetti għal regola ta' kworum li skontha, seba' mħallfin iridu jkunu preżenti. Fil-każ ta' parità, il-President ikollu l-vot deċiżiv. M'hemmx lok għal opinjonijiet kuntrarji.

Il-proċedura hija bil-miktub u ssegwi l-prinċipju tal-kontradittorju. Madankollu, b'rabta ma' kwistjonijiet elettorali ta' kontenzjoni, il-partijiet jistgħu jagħmlu sottomissjonijiet orali. Barra minn hekk, meta jiġu evalwati l-kwistjonijiet preliminari tal-kostituzzjonalità, il-partijiet jew ir-rappreżentanti tagħhom jinstemgħu waqt is-seduta.

F'termini ta' suġġett, il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali tista' tinqasam f'żewġ kategoriji:

Ġurisdizzjoni f'żewġ tipi ta' tilwimiet:

Tilwimiet dwar leġislazzjoni

Il-Kunsill jieħu deċiżjonijiet dwar il-kostituzzjonalità *ex ante* (*contrôle de constitutionnalité préventif*), b'mod indipendenti mill-kunsiderazzjoni tal-kawża effettiva. Il-proċess huwa fakultattiv għal-leġislazzjoni ordinarja u impenji internazzjonali, iżda obligatorju għal-liġijiet istituzzjonali (*lois organiques*) u għar-regolamenti proċedurali taż-żewġ Kmamar tal-Parlament. It-talbiet jiġu ppreżentati wara li l-Parlament ikun ivvota, iżda qabel ma l-liġi tkun daħlet fis-seħħ jew ġiet ratifikata, qabel ma l-impenn internazzjonali jkun ġie approvat jew qabel

ma r-regolamenti proċedurali ta' kull Kamra tal-Parlament jkunu daħlu fis-seħħ. Għal kwistjonijiet fakultattivi, tista' ssir talba (*saisine*) jew minn awtorità politika (il-President tar-Repubblika, il-Prim Ministru, il-President tal-Assemblea Nazzjonali jew tas-Senat), jew minn 60 deputat jew 60 senatur.

L-istħarriġ tal-kostituzzjonalità f'każijiet eċċezzjonali ġie stabbilit fl-1 ta' Marzu 2010, bid-dħul fis-seħħ tal-*"kwistjoni preliminari tal-kostituzzjonalità"* (*question prioritaire de constitutionnalité*). Wara din id-data, kwalunkwe litigant jista', matul l-iżvolġiment ta' istanza quddiem il-qorti, jikkontesta l-konformità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva mal-liġijiet u l-libertajiet li tiggarantixxi l-Kostituzzjoni. Il-kwistjoni tista' tiġi rinviata lill-Kunsill Kostituzzjonali biss jekk ir-rinviju jiġi approvat mill-Kunsill tal-Istat jew mill-Qorti tal-Kassazzjoni; li għandha tagħti l-opinjoni tagħha fi żmien tliet xhur.

Il-Kunsill Kostituzzjonali jiddeċiedi dwar id-diviżjoni tas-setgħat bejn l-istatut leġiżlattiv u r-regolament eżekuttiv. Din il-kwistjoni tista' tiġi rinviata lilha jew matul il-proċess leġiżlattiv mill-President tal-Kamra (l-Assemblea Nazzjonali jew is-Senat) li jittratta l-miżura partikolari jew mill-Gvern, jew, wara li jitlestha l-proċess, mill-Prim Ministru, li jista' jipprova jnaqqas il-grad ta' miżura li tiġi ppromulgata bħala liġi.

Tilwim dwar elezzjonijiet jew referenda

Il-Kunsill Kostituzzjonali jiddeċiedi dwar ir-regolarità tal-elezzjoni tal-President tar-Repubblika u dwar ir-referenda, u jħabbar r-riżultati tagħhom. Dan jiddeċiedi wkoll dwar il-legalità tal-elezzjoni tal-membri taż-żewġ Kmamar tal-Parlament, u tar-regoli dwar l-eliġibbiltà u l-iskwalifika tagħhom.

Normalment, it-talbiet lill-Kunsill fi kwistjonijiet elettorali jkunu miftuħa għall-votanti kollha, u dawn it-talbiet żdiedu ferm bħala għadd minn minu għaddiet il-leġiżlazzjoni li torganizza u tikkontrolla l-ispejjeż elettorali. F'dan il-każ il-Kunsill ikun il-qorti tal-appell għall-kandidati fl-elezzjonijiet parlamentari u presidenzjali.

Rwol konsultattiv

Il-Kunsill Kostituzzjonali jagħti opinjoni jekk jiġi uffiċjalment ikkonsultat mill-Kap tal-Istat dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 16 tal-Kostituzzjoni (fuq il-poteri plenarji fi żminijiet ta' kriżi) u sussegwentement dwar id-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan il-qafas.

Iktar minn hekk, il-Gvern jikkonsulta lill-Kunsill fuq testi li huma relatati ma' kif l-elezzjoni tal-President tar-Repubblika u r-referenda għandhom ikunu organizzati.

Id-deċiżjonijiet kollha huma mqassmin fl-istess forma, li tinkludi:

- ċitazzjonijiet ta' testi applikabbli u passi proċedurali,
- ir-raġunijiet stipulati f'paragrafi, li janalizzaw ir-raġunijiet bażi, jispeċifikaw il-prinċipji applikabbli u jirrispondu t-talba, u
- dispożizzjoni operattiva diviża fi klawso li jiddikjaraw li d-deċiżjoni ġiet adottata.

Id-deċiżjonijiet jorbtu lill-istituzzjonijiet tal-gvern u lill-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji kollha. Mhuma miftuħin għall-ebda appell. L-awtorità ta' *res judicata* ma tapplikax biss għall-parti operattiva tad-deċiżjoni, iżda wkoll għall-argumenti li jipprovduha bil-bażi neċessarja. Madankollu, il-Kunsill Kostituzzjonali jaċċetta talbiet għall-korrezzjoni ta' żball materjali.

Dispożizzjoni li tkun ġiet iddikjarata antikostituzzjonali minn deċiżjoni *ex ante* ma tistax tiġi adottata jew applikata.

Dispożizzjoni li tiġi ddikjarata antikostituzzjonali wara kwistjoni preliminari ta' kostituzzjonalità tiġi revokata b'effett bil-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill Kostituzzjonali jew minn data sussegwenti stabbilita b'dik id-deċiżjoni. Il-Kunsill Kostituzzjonali jiddetermina l-kundizzjonijiet u l-limiti li bihom l-effetti li pproduċiet id-dispożizzjoni jkunu suxxettibbli li jiġu kkontestati.

L-effett tad-deċiżjonijiet f'tilwim elettorali jvarja minn annullament tal-poloż tal-votazzjoni, għal annullament tal-elezzjonijiet infushom, u jista' jinkludi dikjarazzjoni li kandidat huwa ineliġibbli u/jew li uffiċjal elett għandu jirriżenja mill-kariga.

Id-deċiżjonijiet jiġu nnotifikati lill-partijiet u ppubblikati fil-gazzetta uffiċjali (*Journal officiel de la République*)

française); fil-każ ta' deċiżjoni *ex ante*, kwalunkwe applikazzjoni mill-Parlament u osservazzjonijiet mill-Gvern jiġu ppubblikati wkoll.

Finalment, id-deċiżjonijiet kollha mill-ħolqien tal-Kunsill huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Kunsill Kostituzzjonali.

Qrati amministrattivi

Funzjonijiet tal-qrati amministrattivi

L-atti tal-amministrazzjoni pubblika huma soġġetti għal sħarriġ mill-qrati amministrattivi li huma indipendenti mill-amministrazzjoni nfisha (separazzjoni tal-funzjonijiet amministrattivi u ġudizzjarji) u distinti mill-qrati ordinarji (separazzjoni tal-ġuriżdizzjoni, *dualisme judiciaire*). L-istħarriġ jista' jsir ukoll mill-korpi amministrattivi, iżda d-deċiżjonijiet ta' dawn il-korpi jiġu mbaġħad soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.

Il-qrati amministrattivi (*tribunaux administratifs*) huma l-qrati ġenerali tal-liġi amministrattiva tal-prim'istanza. Il-qrati amministrattivi speċjalizzati huma bosta u varji, u jinkludu:

- il-qrati finanzjarji (l-Uffiċċju Reġjonali tal-Awdituri (*chambre régionale des comptes*) u l-Qorti tal-Awdituri (*Cour des comptes*)),
- il-Qorti Nazzjonali tal-Ażil (*Cour nationale du droit d'asile*),
- il-qrati dixxiplinarji professjonali (il-Qorti tad-Dixxiplina tal-Baġit u d-Dixxiplina Finanzjarja, il-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura, korpi dixxiplinarji professjonali, qrati tal-università, eċċ).

Bħala regola ġenerali, id-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jkunu appellati quddiem il-Qrati Amministrattivi tal-Appell (*cours administratifs d'appel*), li d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu min-naħa tagħhom jiġu rieżaminati fuq punt tad-dritt (kassazzjoni) quddiem il-Kunsill tal-Istat (*Conseil d'État*). Minbarra r-rwol tal-kassazzjoni, fejn huwa jirrieżamina biss l-applikazzjoni korretta tar-regoli ta' proċedura u l-liġi mid-deċiżjonijiet ikkontestati tal-qorti mressqa quddiemu bl-istess mod bħall-Qorti tal-Kassazzjoni, il-Kunsill tal-Istat huwa wkoll il-qorti tal-ewwel u l-aħħar rikors għal ċertu tilwim, bħal dawk relatati ma' miżuri regolatorji meħudin minn ministri.

Kunflitti ġuriżdizzjonali bejn żewġ ordnijiet ġudizzjarji jiġu solvuti mill-Qorti tal-Kunflitti (*Tribunal des conflits*), magħmula b'mod konġunt minn membri tal-Qorti tal-Kassazzjoni u l-Kunsill tal-Istat.

Il-Kunsill Kostituzzjonali għandu jiżgura l-konformità tal-liġijiet mal-Kostituzzjoni; huwa ma jirrieżaminax atti jew azzjonijiet tal-amministrazzjoni.

Struttura interna tal-qrati amministrattivi

Il-Qrati Amministrattivi (li hemm 42 minnhom) u l-Qrati Amministrattivi tal-Appell (li attwalment huma 8 u li dalwaqt isiru 9) huma organizzati f'diviżjonijiet. In-numri u ż-żoni tal-ispeċjalizzazzjoni jvarjaw u jiddependu mill-membri tal-qorti u l-għażliet tal-istruttura interna magħmula mill-kap tal-qorti. Il-Kunsill tal-Istat għandu diviżjoni waħda biss b'funzjoni ġudizzjarja, id-Diviżjoni tat-Tilwim (*Section du contentieux*); id-diviżjonijiet l-oħra, magħrufa bħala diviżjonijiet amministrattivi, jieħdu ħsieb ir-rwol konsultattiv tal-Kunsill tal-Istat.

Id-Diviżjoni tat-Tilwim hija komposta minn 10 subdiviżjonijiet li jispeċjalizzaw f'tipi differenti ta' tilwim. Sentenza dwar oqsma tal-liġi amministrattiva ġenerali tingħata minn tnejn minn dawn is-subdiviżjonijiet flimkien (9 membri); Jekk il-każ ikun aktar kumpless jew aktar sensittiv, jista' jinstema' mid-Diviżjoni tat-Tilwim (hawnhekk tinkludi l-presidenti tas-subdiviżjonijiet, il-President tad-Diviżjoni tat-Tilwim, u l-vice presidenti; 17-il membru) jew minn Assemblea tat-Tilwim (*Assemblée du contentieux*) (li tinkludi l-presidenti tad-diviżjonijiet tal-Kunsill tal-Istat, u tkun ippreseduta mill-Viċi President tal-Kunsill tal-Istat; 13-il membru).

L-istatus tal-membri tal-qrati amministrattivi

Tradizzjonalment il-membri tal-qrati amministrattivi mhumiex definiti bħala "mħallfin" (*magistrats*) fit-tifsira mogħtija mill-Kostituzzjoni Franċiża, minħabba li dan it-terminu huwa riżervat għall-membri tal-qrati ordinarji. Minflok, l-istatus tagħhom ġej jiġi mill-funzjonijiet tagħhom bħala ħaddiema taċ-ċivil. Huwa għalhekk li għal żmien twil it-testi leġiżlattivi li japplikaw għall-membri tal-qrati amministrattivi ma kienu jinkludu l-ebda regoli speċjali differenti minn dawk li japplikaw għal tipi oħra ta' ħaddiema taċ-ċivil. Madankollu, matul is-snin 80, din

is-sitwazzjoni evolviet biex issaħħaħ l-indipendenza statutorja tal-membri tal-qrati amministrattivi.

Fid-deċiżjoni tiegħu tat-22 ta' Lulju 1980, il-Kunsill Kostituzzjonali kkonferma l-eżistenza u l-indipendenza tal-qrati amministrattivi, u dawn il-karatteristiċi issa ġew inklużi fost il-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mil-liġijiet tar-Repubblika. Għalhekk, l-imħallfin amministrattivi jgawdu minn status speċjali li jggarantixxi l-indipendenza tagħhom, b'mod partikolari, billi jiżgura li ma jkunux jistgħu jitneħħew mill-kariga tagħhom.

Barra minn hekk, mill-adozzjoni tal-Liġi Nru 2016-483 tal-20 ta' April 2016 dwar il-kondotta, id-dritt u l-obbligi tal-uffiċjali, tal-membri tal-qrati amministrattivi u tal-qrati amministrattivi tal-appell, huma issa rikonoxxuti bħala mħallfin (*magistrats*) b'mod awtonomu (l-Artikolu L. 231-1 tal-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva (*code de justice administrative*)).

Filwaqt li l-imħallfin tal-qrati ordinarji jiffurmaw struttura unika (*corps*), l-imħallfin amministrattivi jappartjenu għal żewġ strutturi differenti: wieħed għall-membri tal-Kunsill tal-Istat u wieħed għall-membri tal-qrati amministrattivi inferjuri u l-qrati amministrattivi tal-appell.

Għalkemm ir-regoli applikabbli għalihom li ilhom jinsabu f'diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni, issa nġabru flimkien fil-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva.

Bażijiet ta' *data* legali f'dawn l-oqsma

Bażijiet ta' *data* legali fi Franza huma disponibbli fuq l-internet bħala servizz pubbliku. Is-sit web

<https://www.legifrance.gouv.fr/> jinkludi:

- id-deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-Istat, il-Qorti tal-Kunflitti, il-qrati amministrattivi tal-appell u għażla ta' deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi fil-bażi tad-*data* "JADE" tiegħu; kif ukoll
- id-deċiżjonijiet tal-Kunsill Kostituzzjonali fil-bażi tad-*data* "CONSTIT" tiegħu.

L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas?

Iva l-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa bla ħlas.

Deskrizzjoni qasira tal-kontenut

Il-bażi tad-*data* "JADE" għandha reġistru ta' 230 000 deċiżjoni u kull sena jiżdedu bi 12 000 deċiżjoni, filwaqt li l-bażi tad-*data* "CONSTIT" għandha reġistru ta' 3500 deċiżjoni u kull sena jiżdedu b'150.

Ħoloq relatati

[Ġuriżdizzjoni — Franza](#)

■ L-aħħar aġġornament: 12/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.